MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 438/2005

**Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru**

**Numru 689/05**

**Fl-ismijiet**

**Linda Gillichova**

**vs**

**Acorn Developments Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors tas-socjeta` intimata fuq indikata datat id-9 ta’ Mejju, 2005, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi l-mandat ta’ sekwestru ghal ghoxrin elf Ewro, (€20,000.00), inhareg fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

1.2 Illi dan il-mandat inhareg minn Linda Gillichova li qed tallega li vettura tal-marka *Jaguar* bin-numru BA 202 DX kolpita b’mandat ta’ qbid numru 52/2005 hi proprjeta` taghha u mhux ta’ certu Constantin Alexander Anastasiou;

1.3 Illi l-imsemmi Anastasiou kien intavola kontro-mandat stante li l-istess vettura ma kienitx proprjeta` tieghu izda tal-imsemmija Gillichova, liema talba kienet giet respinta;

1.4 Illi ghalhekk il-mandat ta’ sekwestru 689/05 fuq indikat hu null u minghajr effett;

1.5 Illi l-ammont fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), hu eccessiv u mhux gustifikat;

1.6 Illi ghaldaqstant, il-mandat ta’ sekwestru in dizamina hu null u minghajr effett;

1.7 Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti u titlob li din il-qorti tiddikjara:

1.7.1. Illi l-mandat ta’ sekwestru 689/05 jigi dikjarat null u bla effett;

1.7.2. Illi l-istess mandat jigi revokat *contrario imperio*;

1.7.3. Bl-ispejjez kontra l-intimata odjerna Linda Gillichova;

2. Rat ir-risposta ta' l-intimata Gillichova datata l-14 ta' Marzu, 2006, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti mhux gustifikabbli;

2.2. Illi qatt ma kienet a konoxxenza ta' procedura legali fil-konfront ta' Anastasiou;

2.3. Illi l-vettura tal-marka *Jaguar* in dizamina hi proprjeta` taghha u mhux t'Anastasiou;

2.4. Illi ghaldaqstant titlob li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ma jigux akkolti bl-ispejjez;

3. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi dawk fl-atti tac-Citazzjoni 332/2005;

4. Ezaminat ix-xhieda u d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti wkoll anke fic-Citazzjoni riferita fil-paragrafu precedenti;

5. Rat id-digriet taghha datat il-19 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu awtorizzat lill-kontendenti jittrattaw il-kawza bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 66);

Ikkunsidrat:

6. Illi l-kawza odjerna hi limitata ghall-mandat ta' sekwestru riferit mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 1);

7. Illi peress li l-meritu tal-procedura odjerna jaghti lok ghall-ezami tal-fatti kif elenkati fil-kawza Citazzjoni numru 332/05 fl-ismijiet Gillichova vs *Acorn Developments Limited et* deciza illum stess, u allura a skans ta' dilungar inutili, din il-qorti qed taghmel ampja referenza ghall-analizi migbur fl-imsemmija sentenza u qed tiddikjara li qed tistrieh fuqhu ghall-finijiet tal-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tal-premess, tissottolinea is-segwenti:

8.1. Illi l-vettura tal-marka *Jaguar* in dizamina tirrizulta bl-aktar mod car li hi proprjeta` ta' Gillichova, (ara foll 29);

8.2. Illi s-socjeta` rikorrenti odjerna harget mandat ta' qbid fir-rigward biex tittutela ammonti lilha dovuti mhux minn Gillichova izda minn Constantin Alexander Anastasiou li kellu relazzjoni mall-istess Gillichova;

8.3. Illi Gillichova tirrizulta estranea ghan-negozjati bejn is-socjeta` rikorrenti odjerna u l-imsemmi Anastasiou;

8.4. Illi ghalhekk, il-procedura intavolata minn Gillichova fil-konfront tas-socjeta` hawn rikorrenti tirrizulta li kienet gustifikata stante li l-mandat ta' qbid fuq il-vettura taghha kien ghal kollox illegali;

**DECIDE:**

9.0. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-intimata odjerna Gillichova ippruvat r-risposta minnha intavolata ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti *Acorn Developments Limited* u konsegwentement, in vista tal-premess;

9.1. Tirrispingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti odjerna *Acorn Developments Limited;*

9.2. Takkolji r-risposta tal-intimata odjerna Linda Gillichova;

9.3. Bl-ispejjez kontra l-imsemmija socjeta` *Acorn Developments Limited.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------